MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 170/2012

**A B**

**vs**

**C D u id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-11 ta' Novembru 2014 giet kjamata in kawza Z D u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2014 gew nominati l-Avukat Dottor Mark Mifsud Cutajar u**

**il-PL Mario Buttigieg bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri Z D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut C D;
2. Illi waqt din ir-relazzjoni mal-konvenut, l-attrici kienet tittratjeni relazzjonijiet ma' guvintur ohra;
3. Illi l-attrici, fit-3 ta' April 2009 kellha tifla li jisimha Z E kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala "Dok. A";
4. Illi l-konvenut kien konvint li hu missier it-tarbija;
5. Illi meta sar it-test tad-DNA irrizulta li l-konvenut ma huwiex il-missier bijologiku tat-tifla kif jirrizulta mir-rizultat hawn anness u mmarkat bhala "Dok. B";
6. Illi l-attrici ma tafx min hu l-missier bijologiku tat-tifla taghha Z E

Talbet in vista tas-suespost li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tifla ghandu jinkiteb "father unknown" minflok l-isem C D;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita` tal-gudizzju li tigi msejha fil-kawza l-minuri Z D u li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti :
2. Illi preliminarjament jigi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita` tal-minuri Z D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi subornitament u bla pregudizzju ghall-premess, l-esponent xorta whada jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Z D, li r-

rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodici Civili**. Di fatti huwa opportun li t-tifla ghandha tkun taf min huwa l-missier naturali taghha;

4. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti ;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Mark A Mifsud Cutajar u tal-PL Mario Buttigieg, li permezz taggha jeccepixxu :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' tal-minuri Z E[1] *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-intimat C D irrikonoxxa lill-minuri bhala bintu naturali, permezz tat-testijiet tad-DNA rrizulta li l-istess imsemmi intimat m'huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u ghalhekk qed titlob li jkun hemm korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri b'dan li l-missier jigi indikat bhala wiehed mhux maghruf.

Min-naha tieghu, l-intimat C D, minkejja li kien debitament notifikat, baqa' qatt ma prezenta risposta guramentata f'dawn il-proceduri u ghaldaqstant huwa kontumaci.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li hija relatata mall-fatt li sabiex il-gudizzju jkun wiehed integru, l-minuri ghandha tigi msejha fil-kawza u tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti,

Illi din il-Qorti tirrileva li *ai termini* tal-hames eccezzjoni tieghu, d-Direttur tar-Registru Pubbliku irrileva li hu fl-ahjar interessi tal-minuri li l-attrici tispecifika min hu ezatt l-allegat missier il-minuri halli b'hekk ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke b'applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. *Stante* li minkejja li r-rikorrenti iddikjarat bil-gurament taghha fir-rikors promotur li ma tafx min hu missier il-minuri u sussegwentement xehdet permezz tal-procedura tal-affidavit li kienet tiltaqa' ma' nies ohra, il-Qorti

[1] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 6 tal-process

m'ghandha ebda alternattiva ohra hlief li tipprocedi fuq il-provi li ghandha quddiemha, liema provi ma jwasslux ghall-individwalizzazzjoni ta' xi persuna li jista' jkun il-missier tal-minuri u konsegwentement ma tista' ssir l-ebda talba sabiex jigi msejjah fil-kawza.

L-eccezzjonijiet rimanenti Direttur tar-Registru Pubbliku iduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tal-intimat C D u konsegwentement tipprova li hemm lok li jkun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieldet nhar it-3 ta' April 2009 u l-intimat kien konvint li huwa l-missier naturali tal-istess minuri, *stante* li fi zmien il-koncepiment kellha relazzjonijiet ohra ma' terzi, maz-zmien gewha d-dubji dwar il-paternita' tal-istess minuri u ghalhekk ghamlet il-verifiki necessarji permezz ta' test tad-DNA li wera li fil-verita', C D ma kienx il-veru missier tal-istess minuri.

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[2] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri Z E verament mhijiex il-wild naturali tal-intimat C D. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu (u dan qieghed jinghad stante li minkejja li l-intimat huwa kontumaci, l-istess intimat, permezz tal-avukat tieghu ghamel trattazzjoni dwar il-mertu kif ukoll dwar l-ispejjez relattivi tal-kawza odjerna) li l-istess minuri mhijiex it-tifla tal-intimat. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il- Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhijiex il-wild naturali tal-intimat.

[2] Esebit a fol 4 u 5 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li c-certifikat tal-minuri Z E ghandu jaqra ‘missier mhux maghruf’ minflok l-isem ta’ C D;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------